**STQARRIJA TAL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI**

Waqt il-laqgħa tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Żvilupp [*Committee on Economic Affairs and Development*] li ltaqa' f'Pariġi fid-29 ta' Novembru 2010, l-Onor Marie Louise Coleiro Preca li hija Membru fid-delegazzjoni parlamentari Maltija għall-Assemblea Parlamentari għall-Kunsill tal-Ewropa, għamlet diversi rakkommandazzjonijiet li ġew aċċettati fosthom:

1. Meta l-Kumitat kien qed jiddiskuti r-rapport dwar l-Ekonomija s-Sewda: theddida għad-demokrazija, l-iżvilupp u r-*rule of Law* [*Underground economy: a threat to democracy, development and the rule of law*], l-Onor Coleiro Preca irrakkmandat li r-rapport jinkorpora l-aspett importanti li xogħol li ma jkunx iddikjarat iċaħħad lill-ħaddiema mill-benefiċċju importanti ta' pensjoni adekwata u xierqa.

2. Fuq ir-rapport dwar *input* għal żvilupp lokali: *approach* innovattiva għal reġjuni milquta minn kriżi [*Input for local development: an innovative approach for crisis-stricken regions*], l-Onor Coleiro Preca insistiet li dan ir-rapport li jitkellem dwar l-industrija tat-turiżmu bħala mutur ekonomiku u b'potenzjal kbir għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol, għandu jiddentifika l-kawża tal-fenomenu li qed jinħass fis-settur dwar kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol u pagi anqas minn setturi oħra, kif ukoll indaġni dwar kif dawn il-fatturi jistgħu jiġu indirizzati biex jinstabu r-rimedji xierqa għall-ħaddiema f'din l-industrija.

3. B'riferenza għar-rapport dwar aktar nisa fl-istrutturi ekonomiċi, soċjali u tad-deċiżjoni [*More women in economic and social decision-making bodies*], l-Onorevoli Membru spjegat il-ħtieġa li rapport bħal dan jinkorpora l-fatturi kollha li qed jikkawżaw rata ta' parteċipazzjoni baxxa min-nisa fis-suq tax-xogħol. Hija tkellmet dwar il-bżonn li dan ir-rapport jindaga aktar fuq l-aspetti kulturali, tradizzjonali u nuqqas ta' miżuri *family-friendly* fis-suq tax-xogħol, li jirristrinġu bil-kbir il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol. Hija semmiet kif filwaqt li f'Malta aktar minn 50% tal-istudenti universitarji huma bniet, xorta waħda r-rata tan-nisa fix-xogħol barra d-dar hija waħda baxxa, minkejja l-għadd ta' nisa gradwati u professjonali li Malta għandha. Għaldaqstant, l-Onor Coleiro Preca saħqet li ħadd ma jista' jassumi li r-rata baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol ġejja minħabba l-għadd ta' nisa mhux kwalifikati. Min-naħa l-oħra lanqas tista' tassumi li l-*gender pay gap* tiġi eliminata b'nisa li jkunu kwalifikati biss. Din il-problema, sostniet Marie Louise Coleiro-Preca, tinħtieġ li tkun indirizzata b'mod iffokat fuq is-sitwazzjonijiet varji li jeżistu fil-pajjiżi differenti.

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Onor Coleiro Preca ġew aċċettati mir-Rapporteurs tad-diversi rapporti.

**DOI – 03.12.2010**